# *Firda*

RENO FENECH

Alla, Alla ieqaf ma' ġensi
Għinu, agħtih aktar dehen.
Neħħi x-xbiek li qed ixekkluna
U jifirduna
U jkebbsuna b'madmad aħmar.

Qed jinbena bini bla tmiem, bla żmien
B'ħitan tas-siment li ma jista' għalihom ħadd
Mostru grottesk li jifred lil ġensi.

Il-firdiet bħal dud mewwieti
Joktru u joktru sakemm joqtlu.
In-nar tal-mibegħda qed iħeġġeġ
U l-bin' infinit għadu qed jitla'
W jissaħħaħ sakemm jifgana.

Mulej għalkemm moħbi, mgħotti, mgħolli
Int biss tista'
Teqred il-bini bla tmiem tal-mibegħda
U n-nar li jsaħħaħ il-firda.

Sinjur Sidna arġa' għaqqad lill-poplu.
Il-ġrajjiet ta' żmienna loppju li jmermirna
Semm aħmar bħad-demm.

Ixgħel xemgħa
Mis-sema.

20 / X / 05